# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 21**
**Rikors Guramentat Numru : 41/2015/LSO**

**Doris Scerri, Raymond Avallone**

**vs**

**Anna Bianco, Mary Gatt bhala prokurattrici ta' Emanuele Avallone, Gaetano Avallone, Anthony Avallone u b' digriet tad-19 ta' Frar 2015 giet kjamata in kawza fil-kwalita` personali taghha Mary Gatt, kif ukoll gew kjamati in kawza t-tfal tal-atturi, u**

**cioe` Sinclair Scerri, Stelvio Scerri, Roann Avallone, Natalie Avallone u Sephora Avallone.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Doris Scerri [ID 430856M] u Raymond Avallone [ID 368354M] datat 16 ta’ Jannar 2015 fejn esponew riverentement, u bil-gurament taghha Doris Scerri kkonfermat li hija taf personalment bis-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Doris Scerri u Raymond Avallone huma ahwa u, flimkien ma’ l-intimati l-ohra, huma wlied Emanuel u Salvina Avallone li gew nieqsa fit-30 ta' Lulju 2006 u fid-9 ta' Settembru 2012, rispettivament;

2. Illi fil-15 ta' Settembru 2004 b'testment unika *charta* l-genituri taghhom kienu ddizeridaw u qacctu mill-wirt lit-tfal taghhom Raymond Avallone u Doris Scerri, u anke n-neputijiet taghhom Etienne Avallone iben Emanuel Avallone (*junior*) u Benvil Scerri bint Doris Scerri ghar-ragunijiet edotti fl-istess testment kopja ta' liema hija hawn annessa bhala **Dokument 'A'**;

3. Illi fis-7 ta' Dicembru 2005 b'testment unika *charta* l-genituri taghhom kienu ddizeridaw u qacctu mill-wirt lit-tfal taghhom Raymond Avallone u Doris Scerri, u anke n-neputijiet taghhom Etienne Avallone iben Emanuel Avallone (*junior*) u Benvil Scerri bint Doris Scerri ghar-

ragunijiet edotti fl-istess testment kopja ta' liema hija annessa bhala **Dokument 'B'**;

4. Illi b'testment ulterjuri datat 22 ta' Jannar 2009 insinwat fl-atti tan-Nutar Adriana Vella, id-decujus Salvina Avallone, wara li gie nieqes zewgha uzufruwiet mid-dritt li tvarja t-testment u dana billi ddisponiet minn ammont sostanzjali tal-patrimonju taghha lill-intimati Mary Gatt u Anna Bianco u terzi nkluz id-Dar tal-Providenza tas-Siggiewi; Missjoni tal-Kenja immexxija mill-kunvent tal-Patrijiet tal-Furjana liema testment huwa anness bhala **Dokument 'C'**;

5. Illi b'testment ulterjuri tal-24 ta' Ottubru 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella d-decujus Avallone filwaqt li zammet ferm it-tesmenti precedenti taghha dikjarat li bintha Anna Bianco kienet hadet il-flus li d-decujus kellha fil-kontijiet taghha ghall-beneficcju ta' Anna Bianco stess izda stqarret li dan sar bil-kunsens tad-decujus. Kopja ta' dan it-testment huwa anness bhala **Dokument 'D'**;

6. Illi jidher evidenti u ser jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-kawza li dawn it-tliet testmenti kienu effett ta' kaptazzjoni u suggestjoni mpost mill-intimati jew min minnhom u ghalhekk huma nulli; u fi kwalsiasi kaz anke jekk it-testmenti jitqiesu validi l-esponenti ghandhom dritt ghal-legittima ossia l-porzjoni riservata skont il-ligi;

7. Illi sabiex il-legittima dovut lill-esponenti skont il-ligi jista' jigi stabbilit jehtieg li l-intimati jew min minnhom u partikolarment Anna Bianco u Mary Gatt, jaghtu rendikont shih tal-flus kontanti u l-kontijiet bankarji tal-mibkija

Emanuel u Salvina konjugi Avallone li kienu fil-kontroll esklussiv ta' l-intimati;

8. Illi ghalkemm interpellati formalment b'ittra tal-25 ta' Settembru 2014 sabiex jaghtu rendikont lir-rikorrenti u jaghtuhom dak li jispetta lilhom skont il-ligi, l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara li Salvina u Emanuel konjugi Avallone ma kellhomx raguni valida fil-ligi sabiex jiddezeridaw lir-rikorrenti tfal taghhom Doris Scerri u Raymond Avallone;

2. Tiddikjara ghalhekk li r-rikorrenti Doris Scerri u Raymond Avallone ghandhom dritt ghas-sehem riservat ta' l-eredita` skont il-ligi;

3. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom kellhom fil-pussess u/jew il-kontroll taghhom u/jew amministraw diversi oggetti mobbli u flus kontanti proprjeta` tal-genituri tar-rikorrenti Emanuel u Salvina Avallone;

4. Tordna lill-intimati jew min minnhom jaghtu rendikont tajjeb skont il-ligi ta' l-amministrazzjoni li saret minnhom tal-proprjeta` tal-genituri taghhom;

5. Tillikwida l-assi ereditarju tal-genituri tar-rikorrenti bhala li jikkonsisti f' dawk il-beni kollha li jirrizultaw lilhom appartenenti fit-trattazzjoni ta' dina l-kawza nkluz fost

hwejjeg ohra l-proprjeta` li ttrasferew lill-intimati jew min minnhom b'titolu ta' donazzjoni; kemm flus kontanti u kontijiet bankarji li baqghu fil-pussess ta' l-intimati jew min minnhom; u dana okkorrendo bl-ghajnuna ta' esperti mahtura minn dina l-Onorabbli Qorti;

6. Tiddikjara li bid-donazzjonijiet maghmula mid-defunti Salvina u Emanuel Avallone tul hajjithom lill-intimati jew min minnhom, l-istess ecceddew il-porzjoni li setghu jiddisponu skont il-ligi;

7. Konsegwentement tordna sa fejn huwa applikabbli l-kollazzjoni billi jigu nkluzi fil-komputazzjonijiet id-donazzjonijiet ta' l-assi mobbli u mmobbli li inghata l-intimati jew min minnhom;

8. Tillikwida ghalhekk is-sehem dovut bhala legittima jew il-porzjoni rizervat spettanti lir-rikorrenti mill-assi ereditarji tal-mejtin Salvina u Emanuel Avallone skont il-kaz;

9. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju fissat minn dina l-Onorabbli Qorti jhalsu u jaghtu dak dovut lir-rikorrenti bl-imghax skont il-ligi mid-data ta' l-ittra ufficjali li gew interpellati sabiex jillikwidaw il-legittima sad-data tal-pagament effettiv.

10. Tordna okkorrendo l-pubblikazzjoni tad-debita att b'liema tigi mhallsa l-leggittima u tinnomina ghal dak il-ghan nutar pubbliku, u tiffissa d-data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt opportun u kuraturi sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficjali numru 3164/14 (tas-7 t'Ottubru 2014) u l-ingunzjoni in subizzjoni ta' l-intimati.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Frar 2015.

Rat ir-risposta guramentata ta' Mary Gatt, ID nru: 290552M, kemm f' isimha proprju kif ukoll bhala prokuratrici ta' Emanuele Avallone ID nru: 15551M u Gaetano Avallone ID nru: 368254M datata 12 ta' Frar 2015 (fol 40) fejn bil-ġurament jikkonferma Gaetano Avallone illi :

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghal-diversi ragunijiet partikolarment is-segwenti;

1.2. Preliminarjament, l-esponenti, jecepixxu n-nuqqas ta' integrita' fil-gudizzju billi Mary Gatt mart Mario xebba Avallone, ma gietx citata personalment; lanqas ma gew citati t-tfal tal-atturi, li ibbenefikaw flokhom, fit-termini tal-Artiklu 626 (1), tal-Kap. 16, fit-testamenti tal-awturi tal-partijiet;

1.3 Dejjem in linja preliminari, l-atturi naqsu li jitolbu r-revoka tat-testment, jew tal-partijiet oggezzjonabbli ghalihom, ghalkemm fl-ittra ufficjali tas-7 ta' Novembru 2014, Dok H, kif ukoll fil-premessa Nru (6) tar-rikors promotorju ddikjaraw rispettivament li 'jipprocedu ulterjorament ghar-rexissjoni tat-testment billi kien l-effett ta' kaptazzjoni u suggestjoni mhux xierqa', u 'li ghalhekk huma nulli';

2. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-atturi ddekadew mid-dritt taghhom ghal-legittma, billi kif dikjarat, ripetutament mit-testaturi kienu hatja ta' mohqrija, krudelta' u ingurja gravi fil-konfront tal-istess testaturi;

2.1 L-esponenti qatt ma kellhom fil-pusess taghhom flus kontanti, u kontijiet bankarji tal-genituri taghhom, ghalhekk it-talba biex dawn jaghtu rendikont, fil-konfront taghhom, hija wahda infondata u insostenibbli.

B' riserva ta' eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Anna Bianco, datata 13 ta' Frar 2015 (fol 44) fejn bil-ġurament taghha kkonfermat :

1. Illi fl-ewwel lok teccepixxi n-nebulosita' tal-kawza peress li fil-waqt fil-paragrafu 6 tac-citazzjoni, l-atturi jippremettu li t-testmenti maghmula huma nulli, fl-istess hin xorta qeghdin jippretendu l-parti riservata lilhom u ghalhekk l-esponenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr ebda pregudizzju l-kawza kellha tkun indirizzata kontra n-Nutar Nicolette Vella kwantu tirrigwarda l-eredita' ta' Salvina Avallone u dan peress li l-imsemmija Nutar hija l-Ezekutrci testamentarja tal-eredita' in kwistjoni u bhala tali l-parti riservata kellha tintalab minghandha, peress li hija l-Ezekutrici li ghandha l-pussess tal-eredita' tal-mejta Salvina Avallone.

3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, li kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza, kien hemm ragunijiet bizzejjed fil-ligi biex il-konjugi defunti Avallone jiddezeridaw lill-atturi. *Una volta* stabbilit dan, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccipit, fi kwalunkwe kaz, kellha ssir talba ghal-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi defunti Avallone ghalhekk ma hux possibbli li tkun likwidata l-parti riservata bil-ligi li tal-volta tista' tispetta lill-atturi jekk qatt ghandhom dritt ghaliha.

5.1 Minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-esponenti ma ghandha ebda rendikonti x'taghmel ghaliex ma kinitx amministrattrici tal-beni tal-genituri tal-kontendenti. L-unika rendikont li tista' taghti hu, tal-ispejjes li inkorriet fl-interess tal-genituri taghha, kif ser ikun pruvat fil-kors ta' din il-kawza.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost irid jinghad li ghalkemm l-esponenti irceviet xi flejjes minghand ommha Salvina Avallone, kif iddikjarat l-istess Salvina, kien biss biex l-esponenti tkun remunerata ghas-servigi li kienet qieghda tirrendilha.

7. Illi dwar it-talba ghall-kollazzjoni ta' donazzjonijiet li setghet irceviet l-esponenti, qabel xejn irid jkun provat li tassew saru u jekk jirrizulta li saru, dawn kienu ghas-servigi resi mill-esponenti u *di piu'* dawn gew ezenti minn kull imputazzjoni u kollazzjoni.

8. Illi biex l-affarijiet ikunu ben kjari, l-atturi qeghdin biss jitolbu l-kollazzjoni ta' donazzjonijiet u ghalhekk mhux inkluzi fiha l-legati imhollija, izda jinghad, li anke kieku stess, dan ma hux il-kaz, peress li l-legat imholli lill-esponenti huwa kjarament wiehed remunitorju u ghalhekk piz fuq l-eredita' u li ma ghandux jifforma parti minn xi kollazzjoni jew imputazzjoni *ai fini* ta' kalkolu tas-sehem riservat, ossia legittima.

9. Illi l-pretensjonijiet tal-atturi huma ghal kollox infodati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta guramentata ta' Anthony Avallone (ID Nru. 610349M) datata 16 ta' Frar 2015 (fol 49) fejn bil-ġurament ikkonferma :

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dan ghar-ragunijiet li jsegwu:-

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandhom qabel xejn jiddikjaraw x' tip ta' azzjoni qeghdin jinterponu permezz tar-rikors promotur taghhom u dana *stante* li mill-korp tac-citazzjoni jirrizulta li hemm kumulu ta' azzjonijiet. B'mod partikolari ghandhom jiddikjaraw jekk humiex qed jattakkaw fl-*intier* taghhom it-testmenti b'nullita` fuq il-bazi tal-kaptazzjoni u suggestjoni jew, *invece*, u singolarment, id-dispozizzjoni testamentarja relattiva ghad-dizeridazzjoni;

2. Illi fil-mertu, u bla pregudizzju ghall-premess, il-volonta` tat-testaturi, f'dan il-kaz il-genituri tal-partijiet, ghandha tigi rispettata u dan ghar-raguni illi l-istess testaturi, jew min minnhom, kellhom ragunijiet validi sabiex jiddezeridaw lir-rikorrenti, liema ragunijiet gew espressi fit-tesment kif titlob il-ligi;

3. Illi f'kull kaz, jinkombi fuq ir-rikorrenti li jippruvaw illi tali ragunijiet ma kienux legittimi;

4. Illi kwantu ghat-tielet talba tar-rikorrenti, l-esponenti jirrileva illi huwa m'ghandux fil-pussess tieghu oggetti mobbli tat-testaturi u lanqas flejjes kontanti. Huwa nghata biss il-*garage* numru erbgha u disghin (94) gewwa Isouard Street, il-Marsa b'titolu ta' legat;

5. Illi kwantu ghall-hames (5), sitt (6) u s-seba` (7) talbiet tar-rikorrenti jigi premess illi fejn *si tratta* l-wirt ta' Salvina Avallone t-testatrici ezentat lill-werrieta mill-obbligu tal-kollazzjoni bl-ahhar testment taghha tal-24 ta' Ottubru 2011;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta' Frar 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Mark Refalo ghar-rikorrenti prezenti, Dr. Toni Abela ghall-konvenuta Anna Bianco, u Dr. Ramon Rossignaud ghal Mary Gatt *nomine* u ghall-Gaetano Avallone u ta ruhu b'notifikat ghal Mary Gatt fil-

kwalita' taghha fuq premessa. Deher ukoll Dr. Andrew Sciberras ghal Anthony Avallone. Dr. Mark Refalo ddikjara li kien hemm zball billi Mary Gatt riedet titharrek bhala kemm personalment kif ukoll bhala kuratrici ta' Emanuel Avallone. Rifferibbilment ghall-eccezzjoni mghotija minn Mary Gatt *nomine et*, fis-sens li l-gudizzju mhux integru, il-Qorti ordnat li Mary Gatt tigi kjamata in kawza fil-kwalita' personali taghha kif ukoll ghandhom jigu kjamati in kawza t-tfal tal-atturi, u cioe` Sinclair Scerri, Stelvio Scerri, Roann Avallone, Nathalie Avallone u Sephora Avallone. Il-kawza giet differita sabiex jigu notifikati l-kjamati in kawza u ghar-risposti guramentati rispettivi, kif ukoll sabiex jigu trattati l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati dwar in-nebulozita' tal-kawza ghat-28 ta' April 2015 f' nofsinhar (12:00p.m.)

Rat ir-rikors ta' Mary Gatt mart Mario, xebba Avallone ID Numru 290552 M datat 24 ta' Frar 2015 a fol 53 tal-process fejn talbet bir-rispett :

Li din il-Qorti, *in vista* tad-digriet ta' 19 ta' Frar 2015, li bih giet kjamata in kawza personalment, fit-termini tal-artikolu 175(1) tal-Kap.12, tawtorizza s-segwenti zieda fir-risposta gia' pprezentata fit-12 ta' Frar 2015:

Fl-ewwel vers wara n-numru tal-karta tal-identita' 290552 M jizdiedu il-kliem "kemm f'isimha propju kif ukoll" u tkompli "bhala prokuratrici ta' Emanuele Avallone".

Jigi dikjarat ghal kull *buon fini* li b' l-imsemmi digriet tad-19 ta' Frar 2015, l-eccezzjoni preliminari markata 1.2 giet illum superata; u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjoni

mehtiega kif jidher bid-digriet moghti fl-10 ta' Marzu 2015 (fol 54).

Rat ir-risposta tal-imsejhin fil-kawza Sinclair Scerri [118979M], Stelvio Scerri [0532787M], Roann Avallone [0084079M], Natalie Avallone [0052182M] u Sephora Avallone [0200289M] datata 4 ta' Mejju 2015 a fol 56 tal-process, fejn bir-rispett u bil-gurament Sincalir Scerri kkonferma li jaf personalment bis-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jirrilevaw li huma ma humiex werrieta tan-nanniet taghhom (Emanuel Avallone u Salvina Avallone) billi bit-testment tas-7 ta' Dicembru 2005 kienu inghataw *legato di residuo* fis-sens li gej:

*"settimo (1/7) indiviz iehor lil Roanne, xebba, Natalie, xebba, u Sephora xebba ahwa Avallone, ulied Raymond Avallone, u*
*ir-rimanenti settimu (1/7) indiviz favur Sinclair u Stelvio ahwa Xerri ulied Doris Xerri..."*

u dana kif gie dikjarat fit-tielet artikolu tat-testment ta' Emanuel Avallone u fit-tielet artikolu tat-testment ta' Salvina Avallone (tal-5 ta' Dicembru 2005);

2. Illi ghalhekk ladarba ma humiex werrieta izda biss legatarji huma ma humiex legittimi kontraditturi u ma ghandhom l-ebda interess fil-gudizzju tal-kawza odjerna;

3. Naturalment huma qeghdin jirrizervaw id-dritt taghhom li jitolbu li jigu imessi fil-pussess ta' dan il-legal kif ghandhom dritt skont il-ligi.

4. Illi ghalhekk huma ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dina l-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 25 ta' Gunju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-atturi assistiti minn Profs Ian Refalo, Dr. Mark Refalo u Dr. Ramon Rossignaud ghal Mary Gatt *pro et noe* prezenti, u wkoll ghal Gaetano Avallone prezenti fl-Awla. Dehru wkoll Dr. Andrew Sciberras ghal Anthony Avallone prezenti u Dr. Toni Abela ghal Anna Bianco prezenti. It-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet tal-eccezzjonijiet kif imfissra fil-verbal tat-28 ta' April 2015 giet registrata fuq is-sistema eletronika. Profs Ian Refalo ghar-rikorrenti rrinunzja u irtira ghall-kliem fis-sitt (6) premessa li jibdew minn "u billi" sa "huma nulli", u jitlob korrezzjoni fis-sens li dawn il-kliem jigu kancellati. Dr Andrew Sciberras ghal Anthony Avallone wara dak verbalizzat minn Profs Ian Refalo rtira l-ewwel (1) eccezzjoni tieghu. Dr. Ramon Rossignaud oppona ghat-talba ghall-korrezzjoni, billi din tibdel in-natura tal-eccezzjonijiet fit-termini tal-Art 175 tal-Kap 12. Profs Refalo ddikjara li l-kliem fl-Art 175 "fuq il-mertu tal-kawza" iddahhlu precizament ghaliex il-korrezzjonijiet dejjem ha jincidu fuq eccezzjonijiet ta' natura proceduràli. Dr. Toni Abela kellu fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dan il-verbal jipprezenta nota fejn iwiegeb ghat-talba ghall-korrezzjoni maghmula bin-notifika tar-risposta lid-difensuri tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghal digriet dwar it-talba ghall-korrezzjoni u ghal sentenza *in parte* fuq l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati Mary Gatt *pro et noe et* u Anna Bianco ghad-29 ta' Ottubru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija sentenza fuq l-eccezzjoni enumerata bil-paragrafu 1.3 sollevata minn Mary Gatt *proprio et nomine* u fuq l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-konvenuta Anna Bianco.

Illi l-atturi huma ulied Emanuel u Salvina konjugi Avallone, li mietu rispettivament fit-30 ta' Lulju 2006 u fid-9 ta' Settembru 2012. Huma gew dizereditati b'testment *unica charta* tad-decujus tal-15 ta' Settembru 2005, kif ukoll b'testment posterjuri *unica charta* tas-7 ta' Dicembru 2005. Ghalhekk qed jitolbu s-sehem rizervat taghhom previa li jigi dikjarat li t-testaturi ma kellhomx raguni valida fil-ligi sabiex jiddezeridawhom kif ukoll li ghandhom id-dritt ghall-istess sehem rizervat. Bl-istess azzjoni qed jitolbu l-likwidazzjoni tal-assi ereditarju inkluz li jinghata rendikont minn dawk l-intimati li kellhom l-amministrazzjoni tal-assi tat-testaturi waqt li kienu hajjin u diversi talbiet ohra relatati.

### FATTI FIL-QOSOR

Il-fatti tal-kaz, kif jemanu mill-atti f'dan l-istadju preliminari huma s-segwenti. Il-kontendenti kollha bl-eccezzjoni ta' Sinclair u Stelvio ahwa Scerri, u Roann, Nathalie u Sephora ahwa Avallone huma ulied il-mejtin konjugi Emmanuel u Salvina Avallone, li mietu rispettivament fit-30 ta' Lulju 2006 u fid-9 ta' Settembru 2012. Il-wirt tal-konjugi Avallone huwa regolat b'testment *unica charta* tas-7 ta' Dicembru 2005 (**Dok.B**) fejn hallew b'legat is-sehem

riservat lil uliedhom[1] b'eccezzjoni tal-atturi, u istitwew lil xulxin eredi universali u proprjetarji in assolut bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom Gaetano, Mary Gatt, Emanuel, Antoine, u Anna Bianco, ahwa Avallone u bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom skont il-Ligi[2]. Iddisponew ghal-*legato di residuo* billi l-ewwel halla xi legati, u "minn dak kollu li jifdal" ghandu jinqasam kwantu ghall-settimu (1/7) indiviz kull wiehed u wahda minn uliedu imsemmija, cioe`, Antoine, Emanuel, Gaetano, Anna Bianco u Mary Gatt, settimu (1/7) indiviz bejniethom lit-tlett ulied ta' Raymond Avallone, l-intimati Roann, Nathalie u Sephora, u r-rimanenti settimu (1/7) indiviz bejniethom lil ulied Doris Scerri, Sinclair u Stelvio Scerri.

Inoltre bit-Tielet Artikolu, it-testaturi ddizeredaw skont l-**artikolu 623 (d) u (e) tal-Kap Sittax tal-Ligijiet ta' Malta** ("*mohqrija morali gravi u krudelta`")* lill-atturi, Doris Scerri u Raymond Avallone. Bl-istess testment iddizereditaw lil Etienne Avallone, iben Emanuel Avallone (*junior*) u Benvil Scerri iben Doris Scerri, li dawn mhumiex parti minn din il-kawza.

Permezz taz-zewg testmenti addizzjonali taghha, datati rispettivament is-6 ta' Novembru 2007 (**Do.C**) u t-22 ta' Jannar 2009 (**Dok.D**), u l-24 ta' Ottubru 2011 (fol 20, 21) Salvina Avallone ddisponiet billi nnominat lin-Nutar Dottor Nicolette Vella ezekutur testamentari taghha bl-awtorizzazzjoni li tbiegh u tittrasferixxi l-beni mobbli li jinsabu fil-fond hemm deskritt u ddisponiet b'diversi

[1] It-Tieni Artikolu
[2] It-Tielet Artikolu.

prelegati u pprovdiet dwar is-servigi resi lilha minn bintha Anna Bianco.

L-intimati qajmu diversi eccezzjonijiet procedurali u sostantivi. Dawk li jikkoncernaw is-sentenza tallum huma dawk li gew verbalizzati fis-seduta tat-28 ta' April 2015(fol 55) u cioe':-

I. Fir-risposta guramentata ta' **Mary Gatt**:

*"1.3 Dejjem in linja preliminari, l-atturi naqsu li jitolbu r-revoka tat-testment, jew tal-partijiet oggezzjonabbli ghalihom, ghalkemm fl-ittra ufficjali tas-7 ta' Novembru 2014, Dok H, kif ukoll fil-premessa Nru (6) tar-rikors promotorju ddikjaraw rispettivament li 'jipprocedu ulterjorament ghar-rexissjoni tat-testment billi kien l-effett ta' kaptazzjoni u suggestjoni mhux xierqa', u 'li ghalhekk huma nulli';*

II. Risposta Guramentata ta' **Anthony Avallone**

*1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandhom qabel xejn jiddikjaraw x' tip ta' azzjoni qeghdin jinterponu permezz tar-rikors promotur taghhom u dana stante li mill-korp tac-citazzjoni jirrizulta li hemm kumulu ta' azzjonijiet. B'mod partikolari ghandhom jiddikjaraw jekk humiex qed jattakkaw fl-intier taghhom it-testmenti b'nullita` fuq il-bazi tal-kaptazzjoni u suggestjoni jew, invece, u singolarment, id-dispozizzjoni testamentarja relattiva ghad-dizeridazzjoni;*

III. Risposta Guramentata ta' **Anna Bianco**

*"1. Illli fl-ewwel lok teccepixxi n-nebulosita' tal-kawza peress li fil-waqt fil-paragrafu 6 tac-citazzjoni, l-atturi jippremettu li t-testmenti maghmula huma nulli, fl-istess hin xorta qeghdin jippretendu l-parti riservata lilhom u ghalhekk l-esponenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju. "*

**Korrezzjoni tar-Rikors Guramentat**

Illi fil-25 ta' Gunju 2015 l-atturi tramite d-difensur taghhom talbu korrezzjoni fir-rikors guramentat skont **l-artikolu 175 tal-Kap.Tnax tal-Ligijiet ta' Malta** billi irtiraw il-kliem fis-sitt (6) premessa li jibdew minn "*u billi"* sa "*huma nulli*" b'hekk din il-premessa tinqara' hekk:

6." *u fi kwalsiasi kaz anke jekk it-testmenti jitqiesu validi l-esponenti ghandhom dritt ghal-legittima ossia l-porzjoni riservata skont il-ligi;"*

B'rizultat ta' din it-talba, Anthony Avallone rtira l-ewwel eccezzjoni tieghu.

L-intimata Mary Gatt *proprio et nomine* opponiet ghall-korrezzjoni billi din tbiddel in-natura tal-ewwel eccezzjoni li ssollevat.

Sussegwentement l-intimata Anna Bianco b'nota taghha ipprezentata in atti irrimettiet ruhha ghall-gudizzju ta' din il-Qorti.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti trid tikkonsidra fl-ewwel lok jekk ir-rikors promotur kif redatt huwa null in kwantu

"nebuluz" jew minhabba l-assenza tad-dikjarazzjoni u tat-talba imsemmija fl-eccezzjoni sollevata minn Mary Gatt *proprio et nomine*, u fit-tieni lok jekk tistax tintalab il-korrezzjoni kif ivverbalizzat mill-atturi. Din l-ahhar eccezzjoni tkun sorvolata jekk il-Qorti takkolji l-korrezzjoni mitluba.

**<u>Konsiderazzjoni ta' Dritt</u>**

Dwar il-validita' tar-rikors promotur, huwa l-artikolu **789(1) tal-Kap Tnax tal-Ligijiet ta' Malta** li jirregola l-eccezzjoni li tirrigwarda n-nullita' ta' atti gudizzjarji.

Dan l-artiklu jiddisponi hekk:

*(1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*

*(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a),*

*(c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità".*

Il-kaz odjern jaqa' fil-parametri tas-subincizi (c) u (d) succitati u ghalhekk japplika il-*proviso* ghall-artikolu 789(1).

**Artiklu 175(1) tal-Kap.12**

Illi bil-*proviso* imsemmi, l-legislatur qed jaghmel riferenza ghall-artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. **L-Art. 175(1) tal-Kap.12** jaqra hekk: –

"*Il-qorti* ***tista`***, *f`kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta` wahda mill-partijiet, wara li tisma`meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta` xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta` wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta` fatt jew ta` dritt ukoll permezz ta` nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza."*

Il-qofol tal-kwistjoni sollevata bl-eccezzjonijiet tal-intimati Mary Gatt *pro et noe* u Anna Bianco, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, hija l-inkonsistenza bejn il-premessi u t-talbiet dedotti fir-rikors guramentat. Fis-sitt premessa, ir-rikorrenti qed jaghmlu riferiment ghan-nullita' tat-testmenti tad-*decujus* minhabba kaptazzjoni u suggezzjoni filwaqt li ma jresqux id-debita talba ghar-rexxissjoni kif ukoll ghad-dikjarazzjoni li tali testmenti huma nulli.

Dan kollu, skont il-konvenuti, jammonta ghal difett fatali fil-forma.

**Art 156(1)(a) Kap.12**

**L-Art 156(1)(a)** tal-Kap 12 jghid illi rikors ġuramentat għandu jkun fih dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża. Din id-dispozizzjoni (anke kif kienet qabel l-emendi tal-1995 u tal-2005) inghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. (**"*Stephen Grech v On. Prim Ministru et*." -** P.A.(JZM) dec. fit-30 ta' Settembru 2013).

Hekk fis-sentenza "**Moore noe vs Falzon et**" (Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/AM – 15 ta' Dicembru 1995) kien deciz li: -

"*Il-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda*." (Ara- Kollez. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228).

Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **"Bonnici vs Zammit noe"** deciza fl-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-Art.156(1) kienet spjegata hekk –*"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero' li kwalunkwe nuqqas da parte ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Art.155(1) [illum 156(1) tal-Kap.12] u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha u mhux spezzettata."*

Fil-kawza "**Vella vs Cefai"** (Appell Civili – 4 ta' Novembru 1991 – Kollez. Vol.LXXV.II.467) il-Qorti tal-Appell kompliet tafferma li f'dawn il-kazi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun ghall-pratticita` u sabiex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun iebsa meta tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita` ta' l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali.

Ikkonsidrat li l-unika referenza ghan-nullita' tat-testmenti tinsab fis-sitt premessa filwaqt li l-premessi sussegwenti

jirreferu ghall-liwidazzjoni tal-ereditajiet sabiex jigi stabbilit il-valur tas-sehem riservat tar-rikorrenti. Dan hu marbut mal-ewwel talba attrici fejn qed jitolbu dikjarazzjoni li t-testaturi ma kellhomx raguni valida biex jiddizeredawhom. It-talbiet l-ohra huma kollha konsegwenzjali ghal din l-ewwel talba in kwantu huma diretti ghall-formazzjoni tal-massa ereditarja u ghar-rijunjoni fittizja tad-donazzjonijiet maghmula. Ma hemmx ikonsistenza bejn it-talbiet fihom infushom.

Illi l-intimata Anna Bianco tilmenta li r-rikors guramentat huwa 'nebuluz′ ghaliex filwaqt li qed jippretendu li t-testmenti huma nulli, xorta qed jitolbu s-sehem rizervat. Anke l-intimat Anthony Avallone sab li hemm ekwivocita' fir-rikors promotorju billi jirrizulta kumulu tal-azzjonijiet.

Madanakollu skont l-iskorta tal-gurisprudenza fuq citata, l-Qorti tifhem li ghandha tapplika zewg rekwiziti fil-kaz odjern qabel ma tqis li hemm difett fatali f'att gudizzjarju, cioe`, li l-mankanza trid tkun wahda gravi, u li tohloq pregudizzju lill-konvenut fid-difiza tieghu.

Illi fil-fehma tal-Qorti jirrizulta car mit-talbiet attrici li l-kawza ttendi biss lejn il-likwidazzjoni tal-assi ereditarju sabiex jigi stabbilit is-sehem riservat taghhom. L-ewwel talba ma xejjinx dan l-iskop u hija mressqa fit-termini tal-**artikolu 625(1) tal-Kodici Civili.** Ma hemmx tali konflitt mat-talbiet l-ohra, li jista' iwassal ghall-konfuzjoni jew pregudizzju ghal-linja difensjonali tal-konvenuti ghaliex it-talbiet huma konsegwenzjali ghall-ewwel talba.

Illi d-difensur ta' Mary Gatt, fit-trattazzjoni orali tieghu,

issottometta r-rigorosita' tad-dritt successorju fejn il-Qrati taghna dejjem applikaw regoli rigidi. Izda kien ikollu ragun li kieku fost it-talbiet infushom kien ikun hemm xi talba li ttendi lejn in-nullita' tat-testmenti ghaliex dan kien jinnecessita' talba ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' tat-testmenti li hija nieqsa mir-rikors promotur jew altrimenti talba ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' minghajr talba ghar-rexxissjoni. Minn dan ma hemm xejn u dan isahhah it-tezi tal-atturi li l-kawza kienet wahda - ghas-sehem riservat prevja li l-fatti li taw lok ghad-dizereditazzjoni ma jirrizultawx.

Illi riferribbilment ghall-ammissibbilita' *o meno* tal-korrezzjoni mitluba, l-emendi li saru fil-ligi bl-**Att XXIV tal-1995**, huma mmirati proprju sabiex jippermettu tibdil fejn l-interess tal-gustizzja fil-kaz in partikolari jigi moqdi generalment b'decizjoni fuq il-punt sostantiv tal-kawza. Hija s-sostanza li fil-verita' l-partijiet ikunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-procedura jezistu biex jipprovdu l-ahjar triq sabiex id-dritt sostantiv ikun jista' jingieb bl-ahjar u bl-izjed mod spedjattiv ghall-konferma tieghu, u dan *entro* l-limiti tal-ligi, u sabiex l-istess dritt ma jkunx jista' jigi abbuzat. (Ara wkoll **Anthony Abdilla et vs Emanuel Deguara et.** deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 1999 (P.A. (RCP) Cit. Nru. 1998/97).

Ir-rikorrenti sostnew fit-trattazzjoni li l-korrezzjoni mitluba ma toloqtx is-sustanza tal-azzjoni jew tad-difiza. Kull ma qed jitolbu huwa l-prova tal-fatti li jaghtu lok ghad-dizereditazzjoni (l-ewwel talba) u f'kaz li ma jirrizultawx, il-legittima lilhom spettanti.

Ikkonsidrat li d-diffikulta` li generalment tinholoq fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu taggira dejjem madwar il-limitazzjoni imfissra bil-kliem "fis-sustanza". Din tindika li kull bidla ta' xi dettal ta' xi haga marginali, incidentali, imma mhux materja ta' sustanza jew li taffetwa s-sustanza.

Taht dan l-aspett wiehed jinnota *inter alia* li qabel l-1995 il-Qorti setghet tordna korrezzjoni "basta li <u>ebda tibdil</u> bhal dan ma jkun ibiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni". Kieku baqghet hekk, l-argument migjub mill-konvenuta huwa veru b' sahhtu u difficli li jigi skartat. Pero' s-sitwazzjoni hija llum differenti, *stante* li llum il-pozizzjoni skont l-istess artikolu hija li tali sostituzzjoni jew tibdil jista' jsir jekk "ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza".

Illi ghalhekk is-sustanza tal-azzjoni hija wahda - t-talba ghas-sehem rizervat minghajr riferenza ghan-nullita' tat-testmenti. Il-kancellament tal-kliem kif mitlub ma jbiddel xejn mis-sustanza ta' din il-kawza u ghal din ir-raguni l-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talba u tordna l-korrezzjoni mitluba.

**<u>III. KONKLUZJONI</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa**' t-talba** ghall-korrezzjoni tas-sitt (6) premessa fir-rikors guramentat billi jigu kancellati l-kliem li jibdew minn "*u billi"* sa "*huma nulli*" u tordna l-imsemmija korrezzjoni fl-istess rikors guramentat.

*29 ta' Ottubru 2015.*

**Tichad l-eccezzjoni** fil-paragrafu 1.3 sollevata mill-konvenuta Mary Gatt *proprio et nomine*.

**Tichad l-ewwel eccezzjoni** ssollevata mill-konvenuta Anna Bianco.

L-ispejjez jigu determinati fil-gudizzju finali.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Moqrija**

**Illum 29 ta' Ottubru 2015.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Ottubru 2015**